MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005

Numru 629/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**v**

**OMISSIS**
**OMISSIS**

**Seduta ta' llum, 14 ta' Novembru 2005**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **OMISSIS** u **OMISSIS**, gew imressqa quddiemha akkuzati talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2005, ghal habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar, waqt li kienu l-bajja maghrufa bhala 'Exiles', fi Triq it-Torri, Sliema, ikkommettew serq ta' basket li kien jikkontjeni diversi accessjorji elettronici u gojjelli u hwejjeg ghad-dannu ta' Miyuki Limura, liema serq jeccedi l-hamsin lira izda ma jeccedix l-hames mitt lira maltin.

Talli fl-istess data u cirkostanzi gewwa Pjazza Hawha, San Gwann ghal habta tal-erbgha w kwart ta’ wara nofsinhar xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod iehor li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Talli **OMISSIS wahdu** kiser l-kundizzjonijiet imposti fuqu ta’ Ordni ta’ Probation moghtija mill-Magistrat Dottor Joseph Cassar b’sentenza moghtija nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Settembru 2004, liema sentenza saret definittiva.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Lulju 2005, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront taz-zewg imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 19 – 20].

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li z-zewg imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom t-tnejn hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom, salv u b’eccezzjoni ghal dik ta’ ricettazzjoni li nghatat b’mod alternattiva ghal akkuza ta’ serq mill-Prosekuzzjoni, mill-liema akkuza qed tastjeni li tiehu konjizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrijiet tal-imputati u l-fedini penali taghhom.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-piena fis-seduta tat-tnejn ta’ Novembru 2005.

Illi dakinhar tal-presentata u cioe nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2005, l-Qorti innnominat lil Trevor Calafato sabiex ihejji pre sentencing inquiry report fil-konfront taz-zewg imputati sabiex jghinha taghmel apprezzament tal-fatti sabiex tasal biex taghti s-sentenza taghha.

Illi **nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2005 deher l-Probation Officer Trevor Calafato** li ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu fil-konfront tal-imputat **OMISSIS** li giet mmarkata bhala dokument TC 1 [fol 30] u dik fil-konfront tal-imputat **OMISSIS** li giet mmarkata bhala dokument TC 2 [fol 43].

Illi <u>minn ezami tar-relazzjoni</u> tieghu fil-konfront <u>tal-imputat **OMISSIS**</u> li giet mmarkata bhala dokument TC 1 [fol 30] jirrizulta li l-kuntatt ma **OMISSIS** mal-Ufficjal tal-Probation kien wiehed pjuttost regolari w ikkopera fil-kuntatti li saru mieghu. L-akkuzat baqa jghid li dan r-reat kien intenzjonat minnu u mill-ko-akkuzat l-iehor, ghaliex t-tnejn kienu neqsin mill-flus.

Illi pero, l-Ufficjal tal-Probation huwa tal-fehma li fid-dawl tal-informazzjoni li gabar u li tinsab migbura fir-rapport tieghu, piena ta' prigunerija tista tkun ferm ta' detriment ghal **OMISSIS** w ghalhekk irrakkomanda li dan jitpogga taht s-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation skond l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan gie rakkomandat sabiex issir gustizzja mieghu, sabiex ma thalli ebda marki permanenti fuqu u anke bil-ghan li jitghallem mill-izbalji li ghamel.

Illi <u>minn ezami tar-relazzjoni</u> tieghu fil-konfront <u>tal-imputat **OMISSIS**</u> li giet mmarkata bhala dokument TC 2 [fol 43] jirrizulta li l-kuntatt ta' **OMISSIS** mal-Ufficjal tal-Probation kien pjuttost wiehed regolari u m'offriex rezistenza fil-kuntatti li saru mieghu. L-imputat kompla jinsisti mieghu li meta, flimkien mal-ko-akkuzat **OMISSIS**, serqu dak l-basket w iddeskriva tali reat bhala "xi haga hazina u gennata", ghaliex huwa jahdem u m'ghandux bzonn jisraq sabiex ikollu l-flus. L-Ufficjal tal-Probation ikkonferma li **OMISSIS** jahdem ma missieru u dan bil-ktieb tax-xoghol,

kif jirrizulta mill-formola tal-ETC esibita a fol 57 tal-atti processwali.

Fid-dawl ta' l-informazzjoni migbura f'dan r-rapport, l-Ufficjal tal-Probation hass li piena ta' prigunerija tista tkun ferm ta' detriment ghal progress ta' **OMISSIS**. Gie kkunsidrat mill-Ufficjal tal-Probation, li l-imputat **OMISSIS** kkopera hafna mieghu waqt l-kumpilazzjoni tar-rapport minnu esibit u jirrizulta li jrid jbiddel l-istil ta' hajja sabiex ikun stabbli, ghalhekk irrakkomanda li jinghata Ordni ta' Servizz fil-Komunita skond l-artikiolu 11 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ammont ta' mitt [100] siegha li jikkonsisti f'xoghol ta' manutenzjoni ma agenzija lokali skond l-arrangamenti maghmula mill-Ufficjal tal-Probation.

Rat l-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti minn fejn jirrizulta li **OMISSIS** ghandu fedina penali netta, minghajr ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha filwaqt li l-imputat **OMISSIS** ghandu reat wiehed dwar serq meta nghata Probation Order taht l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' tlett snin fit-tmienja w ghoxrin ta' Settembru 2004.

Jirrizulta wkoll li l-oggetti misruqa kollha gew ritornati lil sidhom legittimu w ghalhekk is-socjeta in generali ma sofriet ebda dannu materjali.

Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261, 279, 334 tal-Kap 9 u l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li **ssib** lil imputat **OMISSIS hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu salv u b'eccezzjoni ghal akkuza ta' ricettazzjoni, mill-liema akkuza qed tastjeni li tieghu konjizzjoni u fil-konfront tal-imputat OMISSIS tiddikjara li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu wkoll salv u b'eccezzjoni ghal akkuza ta' ricettazzjoni, mill-liema akkuza qed tastjeni li tieghu konjizzjoni u tiddecidi li tpoggi liz-zewg imputati taht Ordni ta' Probation.**

**Ghalhekk fil-konfront tal-imputat OMISSIS il-Qorti qed tpoggih taht tali ordni ghal perjodu ta' tmintax [18] il-xahar mill-lum filwaqt li fil-konfront tal-imputat**

**OMISSIS ghal perjodu massimu permess mill-ligi u cioe dak ta' tlett [3] snin mill-lum taht l-kundizzjonijiet segwenti;**

**1. Li l-imputati probationers OMISSIS u OMISSIS ghandhom, matul dan il-perjodu ta' probation, igibu ruhhom tajjeb, jghaddu hajja ta' bzulija u joqghodu ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentawx certu postijiet u/jew certi nies;**
**2. Illi l-imputati probationers OMISSIS u OMISSIS ghandhom jibqghu jzommu kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtihom minn zmien ghal zmien u partikolarment ghandhom, jekk l-istess Probation Officer jkun irid hekk, jircievu zjarat min ghandu fid-dar fejn qed jirrisjedu;**
**3. Illi l-imputati probationers OMISSIS u OMISSIS ghandhom jghixu fir-residenza taghhom tul l-perjodu kollu u jkunu jistghu jbiddlu tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**
**4. Illi l-imputati probationers OMISSIS u OMISSIS ghandhom jidhru quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilhom mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputati probationers.**

Oltre dan **tordna**, in vista tal-verbal maghmul mill-istess **OMISSIS** fl-atti nhar t-tnejn ta' Novembru 2005, li **jaghmel mitt [100] siegha fil-komunita konsistenti f'xoghol ta' manutenzjoni m'agenzija lokali skond l-arrangamenti maghmula mill-Ufficjal tal-Probation, filwaqt li tikkundannah ghal amenda ta' hamsin [50] lira talli kiser l-Ordni tal-Probation maghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza datata tmienja w ghoxrin ta' Settembru 2004.**

Il-Qorti spjegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputati probationers u x'jigri jekk jonqsu li josservawha u l-imputati probationers iddikjaraw li fehmu ben tajjeb.

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lil imputati probationers u lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju fiz-zewg ordnijiet ghal dan l-ghan.**

**Il-Qorti tordna wkoll li isem u l-partikolaritajiet tal-imputati ma jigux imxandra fuq kull mezz ta' xandir peress li meta ikkommettew r-reati in kwistjoni l-imputati kienu ghadhom minuri.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------